MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Numru 30/2010

**Att ta' Akkuża numru 30/2010**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**kontra**

**Carmelo Maria Grazia Ebejer**

**Illum 7 ta' Mejju, 2014,**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 30 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Carmelo Maria Grazia Ebejer [detentur tal-karta tal-identita bin-numru 300386M] li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-10 ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00am) ġewwa Paceville, San Ġiljan, kien ġie aggredit l-Avukat Mark Bencini, li meta ttieħed għall-kuri meħtieġa, ġie ċċertifikat li kien f'kundizzjoni kritika u li kien fil-perikolu tal-mewt. Irriżulta mill-istħarriġ li sar illi l-persuna responsabbli għal din l-aggressjoni kien Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer, qua akkużat.

   Irriżulta li l-vittma Mark Bencini kien ġewwa Paceville, fil-kumpanija ta' sħabu fosthom Karl Muscat fejn dan ta' l-aħħar kien ġie involut f'argument ma' individwu bl-isem ta' Mark Meli. Dan l-argument waqaf wara li intervjenew xi ħbieb ta' Karl Muscat fosthom il-vittma Mark Bencini fejn dawn ilkoll mxew minn fejn kienu sabiex jevitaw konfrontazzjoni ulterjuri ma Mark Meli. Madankollu waqt li dakinhar stess u ftit tal-ħin wara, il-vittma u sħabu kienu fl-akwati tal-Burger King ġewwa Paceville, reġgħu iltaqaw ma Mark Meli u Karl Ebejer, qua akkużat, li avviċinawhom b'mod aggressiv bl-iskop li jkomplu l-argument li kien inqala preċedentement.

   L-argument aggrava u f'dan l-istadju, Mark Bencini, qua vittma, intervjena sabiex jikkalma l-argument li kien qed jikber bejn sieħbu Karl Muscat u Mark Meli u f'daqqa waħda l-akkużat Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer li kien fil-kumpanija ta' l-imsemmi Mark Meli, dolożament u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ħebb għall-Mark Bencini u taħ diversi daqqiet tal-ponn u bis-sieq fil-partijiet vitali ta' ġismu, fosthom f'rasu, li wasslu sabiex Mark Bencini jintilef totalment minn sensieħ u jbati minn ġrieħi serji li setgħu ikkaġunaw il-mewt tiegħu.

   Illi fortunatament fil-mument ta' din l-aggressjoni kien hemm membri tal-Korp tal-pulizija jagħmlu r-ronda tagħhom madwar Paceville li intervjenew sabiex iwaqqfu lil Karl Ebejer milli jkompli jagħti lil Mark Bencini li f'dak il-mument kien diġa intilef minn sensieħ. In oltre Mark Bencini ttieħed immedjatament sabiex jingħata l-kuri meħtieġa, fejn effettivament kien ġie ċċertifikat li kien fil-periklu tal-mewt. B'hekk grażżi għall-assistenża tal-pulizija u għall-kuri li ngħatawlu, u indipendentement mill-volonta' tal-akkużat Karl Ebejer, Mark Bencini ma' tilifx ħajtu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' tletin sena ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fl-għaxra (10) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00am), fl-inħawi tal-Burger King ġewwa Paceville, san Ġiljan, waqt l-argument li kien qed iseħħ bejn l-akkużat Karl Ebejer, Mark Meli u Karl Muscat, kien hemm ħafna storbju kaġun ta dan l-argument fejn kien involut l-akkużat, tant illi wasslet biex tattira l-attenzjoni ta' xi nies fosthom tal-vittma stess li pprova jwaqqaf l-argument li kien tqajjem u sussegwentement lil-membri tal-Korp tal-Pulizija li intervjenew sabiex iwaqqfu l-argument li kien hemm bejn Mark Meli u Karl Muscat kif ukoll l-aggressjoni li kienet qed iseħħ fuq Mark Bencini mill-akkużat Karl Ebejer, liema argument kien qed iseħħ f'post pubbliku u ċioe' fi triq ewlenija ġewwa Paceville.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer sar ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer, li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(dd), 7(b), 12, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Karl Ebejer pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2014 fejn iddikjaraw li qed jaqblu ai termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' sentejn (2) sospizi ghal-erba' (4) snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Gnerali, li biha, in vista tal-possibilita' ta' ammissjoni tal-akkuzat fit-termini tar-rikors konguntiv tas- 27 ta' Marzu, tas-sena elfejn u erbatax (2014), iddikjara li huwa dispost illi f'kaz li l-akkuzat jammetti r-reat ta' ferita gravi taht l-artikolu 216(1)(a)(i) bl-iskuzanti tal-passjoni istantanja kif ipprospettat taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, huwa jaccetta din l-ammissjoni bhala alternattiva ghall-akkuza tat-tentattiv t'omicidju kif rifless fl-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza kif prezentament migjuba u dan filwaqt li jzomm ferm ghall-bqija tal-kapi fl-istess Att t' Akkuza kif migjuba.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reat ta' ferita gravi taht l-artikolu 216(1)(a)(i) bl-iskuzanti tal-passjoni istantanja kif ipprospettat taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Issib lil akkuzat Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer hati talli fl-10 ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00am) ġewwa Paceville, San Ġiljan:

1. Ikkaguna ta' ferita gravi li tista' ggib periklu tal-hajja, liema reat sar minnu fil-waqt li kien taht l-influwenza mmedjatat ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu.
2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fis-27 ta' Marzu, 2014 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 28A, 31, 216(1)(a)(i), 227(c), 338(dd), 453A(1) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati, Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija, liema terminu ta' prigunerija, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jigi sospiz ghal-perjodu ta' erba' (4) snin. Kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma

ta' mitejn u ghaxar ewro u hamsa u hamsin centezmu (€210.55), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti spejgat lil hati il-portata ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------